MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. MICHAEL MALLIA

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2006

Numru. 1282/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafa)**
**vs**
**Moez Zarouk u**
**Marie Louise Polidano**

**Illum, 6 ta' Dicembru, 2006**

**Il-Qorti:**

**Rat l-imputazzjoni migjuba mill-pulizija kontra Moez Zarouk ta' 35 sena, imwieled Tunis fit-Tunezija fl-24 ta' Jannar, 1971 iben Abdelmajid u Awoicha nee' Zarouk u residenti fil-fond numru 51, Ix-Xatt ta' Quis si Sana, Sliema u detentur ta' passport Tunezin bin-numru Z641189 u ta' Karta ta' Identita' numru 25754A; u**
**Marie Louise Polidano ta' 31 sena, bint Anthony u Maria Dolores nee' Grech, imwielda San Giljan fid-29 ta' Mejju 1975, residenti fil-fond numru 51, Ix-Xatt ta'**

**Quis si Sana, Sliema u detentur ta' Karta ta' Identita' numru 294875M fejn gew akkuzat talli:**

**F'dawn il-Gzejjer, bejn l-1 ta' Dicembru 2006 u t-3 ta' Dicembru 2006, xjentement issoprimew it-tracci jew indizji ta' reat, bi ksur ta' l-Art. 111(2)(a) tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta; u**

**Moez Zarouk wahdu talli f'dawn il-Gzejjer, fix-xahar ta' Novembru 2006 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klazoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, bi ksur ta' l-Art. 42, 183 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**Kif ukoll fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza bi ksur ta' l-Art. 42, 184 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u**

**Fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, bi ksur ta' l-Art. 42, 188 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**Kif ukoll fl-sitess perjodu, lok u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex**

**iqanqal tama jew biza' tal-Konsolat tar-Repubblika Ceka f'Malta kif ukoll qliegh li jeccedi l-mitt lira Maltin (Lm100) izda mhux aktar minn elf lira Maltin (Lm1,000) ghad-dannu ta' diversi persuni barranin, bi ksur ta' l-Art. 308, 309, 310(1) (b)42, tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**Semghet id-dikjarazzjoni ta' htija ta' l-imputat;**

**Fuq l-iskorta ta' din id-dikjarazzjoni;**

**Wara li rat l-Artikoli 111(2)(a); 42, 183, 184, 188, 189, 308, 308 u 310(1)(b) tal-kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta,**

**Tiddikjara lill-imputati hatjin skond l-akkuza talli f'dawn il-Gzejjer, bejn l-1 ta' Dicembru 2006 u t-3 ta' Dicembru 2006, xjentement issoprimew it-tracci jew indizji ta' reat, bi ksur ta' l-Art. 111(2)(a) tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta; u**

**Moez Zarouk wahdu talli f'dawn il-Gzejjer, fix-xahar ta' Novembru 2006 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klazoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, bi ksur ta' l-Art. 42, 183 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**Kif ukoll fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza bi ksur ta' l-Art. 42, 184 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u**

**Fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, bi ksur ta' l-Art. 42, 188 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**Kif ukoll fl-sitess perjodu, lok u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' tal-Konsolat tar-Repubbblika Ceka f'Malta kif ukoll qliegh li jeccedi l-mitt lira Maltin (Lm100) izda mhux aktar minn elf lira Maltin (Lm1,000) ghad-dannu ta' diversi persuni barranin, bi ksur ta' l-Art. 308, 309, 310(1) (b)42, tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Wara li semghet it-trattazzjoni tal-piena u qiset li l-imputati ddikjaraw il-htija taghhom fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri u li kkoperaw mall-pulizija fl-investigazzjoni taghhom;**

**Tikkundanna lill-imputat Moez Zarouk ghall-piena ta' prigunerija ta' zmien sentejn, b'dana illi wara li rat l-Artiolu 28A tal-Kap. 9, tordna li dan it-terminu jkun sospiz ghal zmien sentejn mil-lum;**

**Tillibera lil Marie Louise Polidano taht il-provedimenti ta' l-Art. 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, bil-kondizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sena mil-lum.**

**Tordna li l-atti flimkien ma' kopja ta' din is-sentenza jigu mibghuta lill-Avukat Generali ai termini ta' l-Artikolu 401(3) tal-Kap 9. tal-Ligijiet ta' Malta.**

**< Sentenza Finali >**

----------------------------------TMIEM----------------------------------